# Il-Wied

***Josef Cutajar***





Fir-raħal tagħna ta' Għajnsielem għandna ħafna affarijiet naturali u li jpaxxu lil min ikun qed jarahom. Fost dawn l-affarijiet sbieħ hemm il-wied li naraw aħna u deħlin ġol-għelieqi ta` passi. Huwa wieħed mill-isbaħ u l-ikbar wiedien li hawn fil-gżira Għawdxija.

Dan il-wied propjament jibda minn post imsejjaħ "Taħt in-Nadur", jibqa' nieżel għal fejn triq Simirat, jinżel taħt it-triq ta' wied ir-rajjes, jibqa' sejjer għal taħt il-pjazza tad-Dehra u wara jgħaddi qrib triq l-Imġarr u jibqa' nieżel għall-baħar. Rotta kemmxejn twila u għalhekk dan il-wied f'ċertu partijiet ibiddel ismu: Meta jkun ġej minn taħt in-Nadur sa ma jinżel taħt il-pjazza tad-Dehra l-wied huwa magħruf bħala *"il-Wied ta` Simirat"*. Xħin jinżel taħt il-pjazza tad-Dehra ismu jiġi *"Wied Ir-Rajjes"* jew ***"Wied Mostra"***. Wara xħin jiġi qrib triq Imġarr ismu jiġi "***Wied L-Imġarr***" jew "***Wied Il-Kbir***".

Xħin il-wied jgħaddi min taħt il-pjazza tad-Dehra u jaqbad triqtu lejn il-baħar hemm naraw li jkun hemm l-ilma ġieri għaddej kontinwament anke matul il-ġranet sħan tas-sajf. F'parti minnhom ta' dan il-wied hemm żewġ għejjun li ġew maħluqin b'mod naturali. L-ewwel għajn jisimha "Għajn il-libru" fejn l-ilma ġieri jaqa' ġo din l-għajn u l-għajn l-oħra jisimha "Għajn ir-Rajjes". Hija verament xena spettakolari u l-isbaħ ħaġa ta' dawn l-għejjun hija li dawn ġew maħluqin b'mod naturali.



Dan il-wied huwa protett mill-MEPA. F`dan il-wied jikbru speċi ta' pjanti rari ħafna! Bħal ngħidu aħna "Il-Virga", "L-Għollieq" u ħafna siġar oħra li ssib f`wied bħal ħarrub, qasab, bajtar tax-xewk eċċ…Illum f`dan il-wied għadek issib ħafna żrinċijiet u marżepp, kif ukoll tipi ta' għasafar differenti, uħud minnhom anke tal-post. Kif ukoll jista' jkun li hemm il-fenek selvaġġ.

Ta' min isemi li l-ilma ġieri li hemm fil-wied jintuża f`Betlehem f`Għajnsielem bħala nixxiegħa ġol-presepju. Il-qasab li hemm ġol-wied ukoll jintuża f`Betlehem f`Għajnsielem.

L-ikbar intervent li ra dan il-wied kien bla dubju l-intervent tal-bniedem. Kulħadd kien jagħmel użu minn dan il-wied għal diversi raġunijiet. Imma l-iktar raġuni li n-nies u l-poplu ta' Għajnsielem kienu jużaw dan il-wied kien għall-ġbir tal-ilma. Fil-fatt fil-partijiet ta' fuq tal-wied hemm żewġ ħitan għall-ilqugħ tal-ilma u dawn kienu jservu wkoll bħala ġibjuni. Dan għaliex fid-djar dari ma kienx hawn l-ilma. Kien għalhekk li fis-sena 1710 il-Gran Mastru "**Adrienne de Wignacourt**" kien beda jibni "l-għajn tal-ħasselin". Din kellha disa' vaski żgħar għall-ħasselin u bi tlett loġoġ. Imma f`nofs ix-xogħol Wignacort kien miet u kien kompla xogħlu l-Gran Mastru "**Ramon Perellos**". Minn din l-għajn beda jifforma r-raħal tagħna ta' Għajnsielem. Filfatt hemm storja ħelwa fuq din l-għajn li hija magħrufa wkoll "Hain Salem" li tagħti l-bidu tal-parroċċa ta' Għajnsielem. *"Lejla waħda, x`ħin dalam, waqt li kulħadd kien qed jistrieħ, Anġlu kif kellu drawwa jagħmel ħa l-bhejjem tiegħu biex jisqihom mill-għajn imsejħa "Hain-Salem". F`daqqa waħda mehdi kif kien jisqi l-bhejjem ġie maħsud min dehra straodinarja; dehritlu Sinjura liebsa l-abjad b`qagħda majestuża. Kellmitu w ordnatlu li jwaqqfilha statwa*













*that it-titlu glorjuż ta' Loretu. Mhux biss, imma wrietu wkoll il-post fejn għandha titpoġġa din l-istatwa, jiġifieri fl-istess lok li fuqu illum tinsab mibnija l-knisja parrokkjali"* – Meħuda mill-ktieb ta' Monsinjur Ġużeppi Zerafa "ġrajjiet il-parroċċa t`Għajnsielem".

Il-kavallieri għamlu impatt kbir fuq dan il-wied il-għaliex kienu huma li ħadu ħafna ħsiebu u bnew din l-għajn.



Hemm ukoll mina żgħira ftit passi l-bogħod mill-għajn tal-ħasselin, din illum tinsab f`kundizzjoni tajba ħafna u din il-mina qegħda taħt it-triq li tifred il-pjazza tad-dehra mill-"playing field". Din il-mina ilha hemm qabel żmien l-ingliżi. Iktar l-isfel fil-wied kien hemm ħnejja u minn fuqha n-nies setgħu jaqsmu min-naħa għall-oħra u minn taħt din il-ħnejja kien jgħaddi l-ilma ġieri. Sfortunatament din il-ħnejja kienet waqgħet madwar 25 sena ilu imma fortunatament ser terġa' tinbena mill-ġdid mill-Kunsill lokali. L-għajn tal-ħassellin fis-sena 1953 ġiet imwaqqa' għax bdiet titmermer imma fortunatament din l-għajn tal-ħasselin ser terġa' tinbena mill-ġdid mill-Kunsill lokali.

Minn dan li għadna kemm qrajna naraw li dan il-wied huwa wieħed mill-isbaħ u għandu ħafna x' jgħidilna. Kienet tkun ħaġa kemm xejn diffiċli li ndaħħal kollox li hemm f`dan il-wied imma ilqatt l-iktar punti importanti. Ħasra li xi drabi ma nagħtux kasu jew nagħmlulu xi ħsara.



Nispera li ħadtu pjaċir taqraw dan l-artiklu. Grazzi u nagħtikom il-FESTA T-TAJBA.









